MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Numru 482/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Micallef**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Carmelo sive Charles Micallef, iben Joseph u Christina nee` Vella, imwieled Mellieha, fit-23 ta` Lulju, 1951 u residenti fl-indirizz 242, Triq il-Midra, Mellieha u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 568951 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

Bejn l-1 ta` Jannar, 1999 u t-30 ta` Awissu, 1999 f`dawn il-Gzejjer b`diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda; wara li fil-kapacita` tieghu ta` Direttur tas-socjeta` "D.I.K.K. Limited", approprija, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta` Lm8192 migbura mis-socjeta` bhala dhul f`taxxa dovuta lil Gvern ta` Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu. Dan bi ksur ta` l-artiklu 18, 293, 294, 310(1)a tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Gunju 2002 (esebit *a folio* 14 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-12 ta' Dicembru 2002 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li huwa rrifonda l-ammont kollu dovut lil l-partijiet civili .

Ghal dawn il-motivi  wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------